# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Gunju 2002**

**Numru   2**

**Avviz  numru   1137/99mm**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Raymond Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-korporazzjoni attrici fit-23 ta' Lulju, 1999, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' tliet mija u tlieta u sebghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm373.86) rapprezentanti danni kawzati mill-konvenut, fuq proprjeta' tal-Korporazzjoni Enemalta, fil-Bajja ta' San Gorg, San Giljan fis-6 ta' Awissu, 1998.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata Dicembru, 1998, oltre ghall-imghaxijiet sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut illi gie ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. It-talba tal-korporazzjoni attrici ghandha tkun respinta stante li l-eccipjent ma kienx responsabbli ghad-danni minnha allegatament subiti fl-incident de quo.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-konvenut kien inkarigat jaghmel xogholijiet estensivi fl-inhawi ta' Pembroke.  Dawn ix-xogholijiet kienu jinkludu fost affarijiet ohra, thammil ta' art sabiex tkun tista ssir triq, kif ukoll trinka ghall-*culverts* ta' l-ilma tax-xita.

Qabel ma' bdew dawn ix-xogholijiet saret laqgha mall-Kunsill Lokali ta' Pembroke.  Ghal din il-laqgha kienu prezenti r-rapprezentanti tad-diversi dipartimenti sabiex jigu ko-ordinati x-xogholijiet u l-istess rapprezentanti ndikaw is-servizzi illi huma kellhom taht l-art.  Dan il-progett gie diskuss fl-intier tieghu u il-konvenut indika r-rotta illi kien sejjer jiehu  fit-termini tal-kuntratt moghti.

Is-Sur Paul Galea ghan-nom tal-korporazzjoni attrici kien prezenti u il-konvenut indikalu l-postijiet fejn kien sejjer jahdem.  Is-Sur Paul

Galea jghid illi l-konvenut indikalu post ferm aktar ‘il fuq milli fil-fatt beda’ jahdem.  Gab pjanti mieghu, ghad illi probabbilment ma kienx prezenti meta gew immarkati l-*cables*.

Ix-xogholijiet bdew mill-konvenut billi l-ewwel nehha saff ta’ trab u terrapien.  Wara illi kien ilu jahdem fuq il-progett ghal xi sitt xhur, intlaqghat dan il-*cable.*  Peress illi r-Roads Department kienu qeghdin jaghtu istruzzjonijiet differenti lill-konvenut ghal dawk illi huma livelli ta’ thammil, ix-xoghol sar f’diversi saffi, b’tali mod illi meta waslu ghal xi zewg metri taht il-wicc ta’ l-art, intlaqghat il-*cable* in kwistjoni.

Il-konvenut jghid illi l-*cable* ma kienx immarkat u l-istruzzjonijiet tieghu kienu illi hekk kif jersaq vicin it-tarmak, kellu javza lill-Enemalta.  Fil-fatt irrizulta illi dan il-*cable* intlaqghat taht it-terrapien u mhux taht xi triq.

Min-naha l-ohra, s-Sur Paul Galea jghid illi huwa gie sgwidat, fis-sens illi l-konvenut qallu illi x-xogholijiet kienu ser isiru ‘l fuq hdejn it-Torri ta’ Pembroke u mhux n-naha t’isfel hdejn il-bajja.  Hi x’inhi, zgur illi hemm diffikulta li dan il-*cable* jigi ri-intraccat kif qal l-istess Paul Galea a Fol 21 meta, wara l-incident mar fuq il-post u sab dan il-*cable* moghtti bit-trab.  Sa certu punt, dan huwa konformi ma’ dak illi qal il-konvenut illi dan il-*cable* instab f’posizzjoni fejn kien hemm biss terrapien u hamrija u mhux fit-triq.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha illi dawn iz-zewg verzjonijiet it-tnejn jistghu jkunu probabbli. Il-korporazzjoni attrici ghandha d-dritt tassikura l-proprjeta' taghha u tara illi ma tigrilhiex hsara. Ghalhekk tirrikjedi illi meta jkunu ser isiru xogholijiet jintalab permess halli s-servizzi jigu mmarkati minn qabel. Dan huwa ezattament illi gara, fejn il-konvenut ghamel l-applikazzjonijiet tieghu sabiex ir-rapprezentanti tal-korporazzjoni attrici jkunu fuq il-post u jimmarkaw il-*cables*.

Il-Qorti difficli tifhem illi l-partijiet ma ftehmux dwar l-entita' tax-xoghol meta saret laqgha apposta biex dana jigi diskuss. Ghalhekk il-partijiet kienu jafu sewwa ghal x'hiex kienu dehlin u fejn allura kien hemm il-probabbilita' illi jintlaqghat *cable*.

Iz-zewg partijiet qablu wkoll fuq il-pozizzjoni tal-*cable* u kif qal il-konvenut dan kien taht it-trab u terrapien u mhux taht it-triq. Hu x'inhu, meta wiehed jikkonsidra l-entita' tax-xoghol, mhijiex 'inverosimili' illi kien hemm xi malintiz waqt il-laqgha mall-Kunsill ta' Pembroke u peress illi dan l-incident gara xi sitt xhur wara din il-laqgha, dan it-trapass ta' zmien seta' ghin biex jikkomplika s-sitwazzjoni.

Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti jidhrilha illi ghandha quddiema zewg verzjonijiet differenti li t-tnejn setghu jirrizultaw illi kienu veritajiet, fejn allura ma jirrizultax negligenza da parti tal-konvenut.

Fil-kawza fl-ismijiet <u>Joseph Rausi Noe vs John Muscat</u> moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Novewmbru, 1995, il-Qorti qalet illi ladarba

kienu jezistu zewg verzjonijiet differenti, li t-tnejn setghu jirrizultaw illi kienu veritajiet, allura l-Qorti ma setghax ikollha konvenciment morali bazat fuq preponderanza ta' probabbiltajiiet li kienu vertitajiet.  Allura l-Qorti ma setghetx ikollha konvenciment morali bazat fuq preponderanza ta' probabbiltajiet.  B'hekk l-unika konkluzjoni illi setghet tasal ghaliha l-Qorti hi, li s-socjeta' attrici naqset illi tipprova t-talbiet taghha b'mod sodisfacenti u konvincenti.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tal-korporazzjoni attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit
Deputat Registratur